MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-27 ta' Awwissu, 2008

Rikors Numru. 280/2008

L-Avukat Dottor Adrian **CAMILLERI** għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta’ estera *Gancitano Pesca di Gancitano Vito & Pietro SNC*

**vs**

**KURATURI DEPUTATI** ħalli jirrappreżentaw l-interessi tal-bastiment *Mv Kaleej 1* irreġistrat taħt il-bandiera Libjana

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Charles Grech fil-kwalita’ tiegħu ta’ kuratur f’isem il-bastiment *Mv Kaleej 1* fit-18 ta’ Marzu, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra talab li din il-Qorti (a) tħassar il-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju Numru 1627/07 maħruġ kontra l-imsemmi bastiment mill-intimat *nomine* fl-1 ta’ Novembru, 2007 għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u (b) f’każ li ma ssibx li għandha tħassar l-imsemmi Mandat, li

torbot lill-istess intimat eżekutant *nomine* biex iressaq garanzija tajba għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-Kodiċi fiż-żmien qasir u perentorju u taħt kull kundizzjoni oħra li din il-Qorti jidhrilha xierqa u meħtieġa;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' April, 2008, li bih ordnat in-notifika lill-intimati eżekutanti u appuntat ir-Rikors għas-smigħ tas-7 ta' Mejju, 2008;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat eżekutant Dottor Camilleri *nomine* li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa' għat-talbiet tar-rikorrent *nomine* billi qal li t-talbiet tar-rikorrent eżekutat m'għandhomx jintlaqgħu għaliex ir-raġuni li nqeda biha biex iressaq dawk it-talbiet m'hijiex waħda tajba biex twassal għat-tħassir tal-Mandat. Minbarra dan, l-istess rikorrent *nomine,* għal aktar minn darba minn mindu nħareġ il-Mandat, ta l-kunsens tiegħu għat-tiġdid u t-titwil tal-effetti tal-Mandat;

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent *nomine* eżekutat;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati;

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-degriet tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2008, li bih ħalliet il-kawża għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrent *nomine* qiegħed jipprova jneħħi minn fuq il-bastiment li tiegħu hu l-kaptan l-effetti ta' Mandat ta' Qbid kawtelatorju li l-intimat *nomine* ħareġ kontra l-imsemmi bastiment fl-1 ta' Novembru, 2007. Il-Mandat inħareġ dwar kreditu pretiż ta' sitta u erbgħin elf ewro (€ 46,000) bħala bilanċ ta' prezz mhux imħallas mill-bejgħ tal-istess bastiment min-naħa ta' min ħareġ il-Mandat. Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, u ġie eżegwit b'rikonjizzjoni[1] fil-5 ta' Novembru, 2007, billi l-bastiment

[1] Skond l-art. 303 tal-Kap 12

kien diġa' nqabad bis-saħħa ta' Mandat ta' Qbid mitlub minn kreditur ieħor tal-istess bastiment fit-12 ta' Ottubru, 2007[2]. Fid-29 ta' Novembru, 2007, ir-rikorrent *nomine* ressaq Nota fl-atti tal-Mandat li biha iddikjara li kien aċċetta l-bandi u li kien sejjer jidher għall-bastiment fl-atti tal-Mandat u l-atti kollha relativi u sussegwenti. Fl-4 ta' Diċembru, 2007, fit-8 ta' Jannar, 2008, u fit-30 ta' Jannar, 2008, il-partijiet tawwlu l-effetti tal-Mandat. Mill-istess atti tal-Mandat, joħroġ ukoll li r-rikorrent *nomine* ressaq talba b'rikors tad-29 ta' Novembru, 2007, biex jitlob lill-Qorti taħtar kunsinnatarju u biex tħalli li l-bastiment jitniżżel il-baħar ħalli ma jkomplix iġarrab ħsara. B'degriet mogħti fl-20 ta' Diċembru, 2007, il-Qorti laqgħet l-ewwel talba (ħatret lil wieħed Paul Piscopo bħala kunsinnatarju, suġġerit mill-istess rikorrent *nomine*) iżda ċaħdet it-tieni talba;

Illi r-rikorrent eżekutat iqis li l-imsemmi Mandat għandu jitwaqqa' għaliex jgħid li l-Qrati ta' Malta m'għandhomx ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-kawżali li fuqha jinbena l-Mandat, dan b'riferenża għall-azzjoni *in rem* imressqa mill-intimat *nomine*[3]. Minħabba f'hekk, jgħid li l-Mandat għandu jitħassar għaliex m'huwiex raġonevoli li jibqa' fis-seħħ [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, r-rikorrent *nomine* jtenni li huwa manifestament irraġonevoli li l-Mandat jitħalla fis-seħħ meta fl-ewwel lok il-Qrati Maltin m'għandhomx ġurisdizzjoni jisimgħu l-kawża li b'ħarsien tal-pretensjonijiet tagħha nħareġ dan il-Mandat;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[4]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'għandhiex tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet ukoll f'dan l-istadju, liema eżerċizzju huwa mħolli meta din il-Qorti tisma' l-kawża fil-waqt xieraq tagħha. Ta' min jgħid li biċċa sewwa mill-kwestjoni li din il-Qorti kif presjeduta ntalbet tistħarreġ (permezz ta' eċċezzjoni preliminari mqanqla mir-rikorrent fl-atti tar-Rikors Maħluf

[2] Mandat 1528/07JVA
[3] Rik. Nru. 173/08JRM
[4] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***

imressaq kontrih mill-intimat *nomine*) hija sewwasew il-kwestjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni;

Illi dan ifisser li din il-Qorti sejra żżomm 'il bogħod għal kollox milli tqis jekk dik l-eċċezzjoni hijiex mistħoqqa jew le;

Illi l-intimat *nomine* jgħid li r-raġuni msemmija mir-rikorrent ma tistax twassal għat-tħassir tal-mandat, u lanqas tista' l-Qorti tqis dik ir-raġuni bla ma tkun qiegħda tidħol sewwasew fil-mertu tal-kwestjoni. Il-Qorti tqis li l-intimat għandu raġun f'dan ir-rigward. F'dan il-kuntest biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-kwestjoni ma kinitx ta' idejn il-Qrati Maltin, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[5]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimat eżekutat;

Illi waqt is-smigħ tar-rikors, ir-rikorrent xehed[6] dwar il-ħsara li l-bastiment kien qiegħed iġarrab kemm idum imtella' fuq l-art. Biex isaħħaħ ix-xhieda tiegħu, ressaq ukoll rapport *ex parte*[7] biex ifisser il-ħsara li l-bastiment kien qiegħed iġarrab kulma jmur. B'dan il-mod, jidher li r-rikorrent kien qiegħed jibdel ir-raġuni li fuqha sejjes il-kawżali tat-tħassir tal-Mandat, billi ma tissemma bl-ebda mod fir-rikors promotur tiegħu;

Illi l-Qorti tqis li din ir-raġuni ma twassalx għat-tħassir tal-Mandat. Diġa' hemm ordni ta' Qorti oħra li ċaħdet it-talba tar-rikorrent biex tħalli lill-bastiment jitniżżel lura fil-baħar.

---

[5] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

[6] Paġġ. 13 sa 22 tal-atti

[7] Dok "CG1", f'paġġ. 26 sa 46 tal-atti

Ma ntweriex li r-raġunijiet li seta’ kellha dik il-Qorti biex ċaħdet dik it-talba ma kinux u m’għadhomx tajbin. Minbarra dan, il-bastiment tqiegħed f’idejn kunsinnatarju, li, bil-liġi[8], huwa mistenni li jieħu ħsieb kif imiss tal-ħaġa maqbuda fil-Mandat li tkun imħollija f’idejh, u dan minbarra li, f’każ ta’ tgħarriq tal-ħaġa maqbuda, l-liġi tagħti rimedju ieħor[9], iżda mhux it-tħassir tal-Mandat. F’dan ir-rigward, il-qagħda li jinsab fiha l-bastiment hija responsabbilta’ tal-kunsinnatarju, u ta’ dan m’għandux ibati l-kreditur intimat li għandu interess ukoll li l-ħaġa maqbuda tinżamm fl-aħjar kundizzjoni f’każ li jkun meħtieġ li ’l quddiem jasal għall-bejgħ tagħha taħt is-setgħa tal-Qorti;

Illi fuq dan il-mottiv, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma tahiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

Illi, b’żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll li l-intimat  eżekutant jiġi ordnati li jagħti garanzija xierqa[10], fiż-żmien li l-Qorti tagħtih, biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali u għad-danni u l-imgħax li ’l quddiem huwa jista’ jiġi kundannat iħallsu. It-tieni talba hija alternativa għall-ewwel talba, għaliex huwa ovvju li jekk kemm-il darba tintlaqa’ l-ewwel talba, ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li l-intimat  eżekutant jiġi ordnat iressaq il-garanzija;

Illi fir-rigward tal-konsiderazzjonijiet dwar it-talba tar-rikorrenti għall-għoti tal-garanzija mill-intimat *nomine* eżekutant, xieraq jingħad li l-liġi trid li lill-Qorti tintwera “kawża ġusta” biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta’ Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba.  Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala “kawża ġusta” għall-finijiet ta’ dan l-artikolu[11]. Lanqas ma jidher li huwa biżżejjed biex jikkostitwixxi “kawża ġusta” għall-finijiet tal-artikolu 838A il-fatt li persuna li kontriha jkun inħareġ Mandat kawtelatorju tkun qegħda ġġarrab danni minħabba dak il-Mandat[12]. Irid ikun

[8] Ara art. 300 tal-Kap 12
[9] Art. 298(2) tal-kap 12
[10] Art 838A tal-Kap 12
[11] Ara P.A.  **30.6.2000**  fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Mediterranean FilmStudios  vs  Albert Galea et noe***
[12] Ara P.A. GC **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana  vs  Rudolphe Gaerty***

hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili[13];

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[14], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[15] minħabba l-istess Mandat[16];

Illi minn dak li ħareġ mis-smigħ ta' dan ir-rikors, ma ntwera bl-ebda mod li l-intimat eżekutant inqeda bil-jedd tiegħu li jitlob il-ħruġ tal-Mandat b'mod fieragħ jew biss biex idejjaq, jew li naqas minn xi waħda mill-obbligi li kien mistenni jħares taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap 12 jew tal-Kodiċi Ċivili dwar l-għamil negliġenti jew bla kont;
Illi ladarba r-rikorrent *nomine* ma ressaq l-ebda raġuni li torbot il-qagħda li jinsab fiha ma' xi għamil abbużiv jew illegali tal-intimat eżekutant, din il-Qorti ssib għalhekk li ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet li bihom tista' tilqa' t-talba tar-rikorrent taħt l-artikolu 838A tal-Kap 12;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talbiet** tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontrih.

Mogħti kameralment illum, il-27 ta' Awwissu, 2008.

**< Sentenza Finali >**

---

[13] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[14] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***
[15] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[16] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited***

---------------------------------TMIEM---------------------------------